**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru.: 626/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Duncan Fenech**

**Illum, 12 ta' Ottubru 2016,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Duncan Fenech**, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 547174M;

Akkuzat talli:

(a) Fid-9 ta' Awwissu 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data, fi Triq il-Merkanti l-Belt Valletta, xjentement, jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkagunajt dannu lil

jew qridt propjetà kulturali sew jekk tali propjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f'xi inventarju skont l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Kif ukoll talli f'l-istess perijodu u cirkostanzi, ghamiltu attività jew inkella agixxejt bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew tal-kondizzjonijiet ta' licenza jew permess mahrug taht l-istess Att jew inqast milli taghmel xi haga li kont mehtieg li taghmel taht dan l-istess Att, regolament jew licenza;

(c) U aktar talli fl-istess perijodu u cirkustanzi, ghamilt skavi u esplorazzjonijiet arkeologici jew paleontologici minghajr permess bil-miktub tas-Sovrintendent meta l-istess skavi u esplorazzjonijiet arkeologici jew paleontologici fiz-zona kontigwa ta' Malta jistghu isiru biss mis-Sovritendent jew bil-permess bil-miktub tas-Sovrintendent u skont kull kundizzjoni annessa mieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset ix-xhieda u provi kollha prodotti.

Rat li meta sarlu l-ezami, l-imputat wiegeb illi ma hux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat illi mibghut il-kunsens tal-Avukat Generali l-imputat wiegeb li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi deciz bi proceduri sommarji.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tat-30 t'April 2014, l-imputat rregistra ammissjoni fir-rigward tal-ewwel akkuza u ssottometta li t-tieni u t-tielet akkuza huma assorbiti fl-ewwel akkuza.

Illi l-imputat esebixxa s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili rigwardanti danni u hsarat emanenti mill-istess fatti li taw lok ghall-proceduri kriminali odjerni.

Illi l-Prosekuzzjoni qablet li x-xoghlijiet rimedjali, li kellhom isiru mill-imputat ai termini tal-istess sentenza, saru mill-imputat kif ordnat il-Prim Awla tal-Qorti Civili f'dik is-sentenza.

Illi l-Artiklu 53 tal-Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-Patrimonju Kulturali jghid:

*(1) Kull min:*

*(a) xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jew jeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skont dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali proprjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkaġunat il-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qegħda tamministraha b'mod leġittimu;*

(b) *jagħmel xi attività jew inkella jaġixxi bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew tal-kondizzjonijiet ta' liċenza jew permess maħruġ taħt dan l-Att jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa li jkun meħtieġ li jagħmel taħt dan l-Att, regolament jew liċenza; jew*

…

*ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*

*Iżda, bla ħsara għall-ogħla multa hawn aktar qabel imsemmija, l-inqas multa li ħati jista' jeħel taħt dan l-artikolu m'għandhiex tkun inqas mill-valur ta' xi xogħol meħtieġ biex jirrimedja l-effetti tar-reat.*

(2) *Ir-responsabbiltà ta' ħati taħt subartikolu (1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-ħati li jħallas lis-Sovrintendent kull nefqa li ssir għar-reintegrazzjoni, jew ir-restawr tal-proprjetà kulturali minħabba fl-għemil tar-reat, jew li jħallas ġol-Fond il-valur tal-proprjetà kulturali meqruda jew danneġġata meta dik il-proprjetà ma tkun tista' la tiġi reintegrata u lanqas restawrata. Dak il-ħlas jista' jinġabar permezz ta' kawża ċivili li ssir mis-Sovrintendent kontra l-ħati jew l-eredi tiegħu.*

Illi l-imputat, fil-verbal tal-istess seduta, iddikjara li l-valur tax-xoghlijiet rimedjali huwa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u dan ma gie kontestat bl-ebda mod mill-prosekuzzjoni. Anzi skond l-istess verbal il-Prosekuzzjoni aderixxiet mad-dikjarazzjoni tal-imputat.

Ghaldaqstant, stante l-ammissjoni tieghu, l-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati, tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa kumplessiva ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur